newsbook.com.mt

LOKALI

# Jiżdiedu 100 ċiklist fil-Ġirja Nazzjonali bir-Roti

*Christoph Schwaiger - 21/09/17 05:08 PM*

Din is-sena żdiedu mal-100 ċiklist aktar mis-sena li għaddiet għall-Ġirja Nazzjonali bir-Roti li rat il-parteċipazzjoni ta' 300 ċiklist.



Din fir-raba' edizzjoni tal-ġirja li kienet organizzata mill-Malta National Electromobility Platform, fi ħdan Transport Malta, bl-

għajnuna tal-Pulizija, uffiċjali tal-infurzar u ta' St. John's Ambulance.

Il-ġirja bdiet minn quddiem il-Ministeru għat-Trasport u ħadet lill-parteċipanti l-Ħamrun, Santa Venera, H'Attard, il-Mosta, Birkirkara, u l-Imsida.

Wara l-ġirja, s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru, Christopher Cutajar tkellem fuq numru ta' inizzjattivi li qed jippromwovu l-użu tar-rota bħala mezz alternattiv tat-trasport.

Semma kif qed jiġu mressqa applikazzjonijiet għall-fondi Ewropej biex jinbnew karreġjati għar-roti fit-toroq u kif qed titħejja l-Politika Nazzjonali għaċ-Ċikliżmu. Cutajar ippreżenta numru ta' premijiet fosthom roti elettriċi.

Ritratt: Transport Malta

Share on Facebook Share on Twitter